# INDIKATURI EKONOMIĊI MISTURIN LI JBIDDLU L-POLITIKA TAL-GVERN



EDWARD SCICLUNA/Ministru tal-Finanzi




Ir-regoli li jissalvagwardjaw il-munita ewro huma bbażati fuq kemm il-finanzi tal-pajjiżi membri jkunu qegħdin fuq sisien sodi

Meta tkun membru ta' xi għaqda jew organizzazzjoni, trid tosserva r-regoli ta' dik l-organizzazzjoni. Kemm hu iktar importanti li Malta, bħala wieħed mid-19 il-pajjiż li għandhom l-Ewro bħala l-munita tagħhom, timxi mar-regoli li hemm, regoli li kienu ġew imdaħħlin biex jissalvagwardjaw mhux biss il-munita imma anke l-ġid tal-popolazzjoni ta' dawn il-pajjiżi.

Ir-regoli li jissalvagwardjaw il-munita Ewro huma bbażati fuq il-prinċipju li l-finanzi tal-pajjiżi membri jkunu qegħdin fuq sisien sodi. Biex dan iseħħ u jkun hemm konformità bejn il-pajjiżi, ġie ffirmat dak li jissejjaħ il-Patt ta' Stabilità u Tkabbir. Hemm żewġ kriterji jew miri li kull pajjiż għandu josserva. L-ewwel kriterju huwa dak li d-*defiċit* ma jaqbiżx it-3% u l-kriterju l-ieħor hu li d-dejn nazzjonali ma jkunx ta' aktar minn 60% tal-prodott gross demesiku annwali tal-pajjiż.

Huwa faċli titkellem fuq il-kriterji imma fir-realtà xi jfisser għal pajjiż biex iżomm ma' dawn il-miri? Ċertament li mhux faċli għax kieku kull pajjiż iżomm ma' dawn l-indikaturi u kieku ma hawnx dawn il-problemi finanzjarji.

Kull pajjiż li jkun qed jeċċedi dawn l-indikaturi, ikun irid jagħmel strutturar tal-finanzi tiegħu sabiex iniżżel id-dejn jew id-defiċit eċċessiv li jkollu. Biex nagħti eżempju konkret, fil-każ tad-dejn li jaqbeż is-60%, id-dejn eċċessiv ikun irid jonqos permezz tar-regola ta' madwar punt perċentwali fis-sena.

Fil-każ tad-defiċit, l-għan għandu jkun li jinżel żero, li jkun ifisser li l-Gvern jonfoq daqs kemm idaħħal. Biex dan iseħħ, hemm bżonn li nnaqqsu d-*defiċit* b'nofs punt perċentwali fis-sena. Imma dan jista' jsir skont l-andament ekonomiku tal-pajjiż. Pajjiż li jkun għaddej b'ritmu ta' tkabbir ekonomiku tajjeb, huwa mistenni li jnaqqas id-*defiċit* b'rata iktar mgħaġġla filwaqt li pajjiż li jkun għaddej minn reċessjoni jkun aċċettat jekk ir-rata ta' tnaqqis tad-defiċit tkun inqas mgħaġġla.

F'dawn l-aħħar tliet snin irnexxielna, b'riformi u inizjattivi, inaqqsu d-defiċit mit-3.6% li kien intlaħaq fis-sena 2012 għal 2.6% fl-ewwel sena li konna fil-Gvern u issa niżżilna d-defiċit għal 1.5% għas-sena li għadha kif spiċċat. Din is-sena qegħdin ukoll fit-triq it-tajba li nilħqu l-mira li d-defiċit jonqos għal ftit aktar minn 1.%. F'erba' snin, b'ħidma qatigħ, irnexxielna nwaqqgħu d-defiċit għal kwart li kien qabel ma bdejna mmexxu l-pajjiż.

Wieħed irid isemmi li l-Kummissjoni Ewropea, b'mod regolari, tagħmel tbassir ekonomiku fuq kull pajjiż membru sabiex tara kemm tiflaħ tikber l-ekonomija ta' kull pajjiż. Dan it-tbassir isir billi jiġu kkunsidrati 'l fuq minn 180 fattur li jaffettwaw l-ekonomija olistika tal-pajjiż. Jekk il-pajjiż membru ma jżommx mat-tbassir ekonomiku, il-Kummissjoni Ewropea timponi miżuri fuq il-pajjiż sabiex il-finanzi tal-pajjiż jitjiebu. Jekk il-pajjiż ma jimxiex fuq dawn il-miżuri, ikunu mposti multi u aktar sanzjonijiet. Naħseb li kulħadd jaf minn x'hiex għaddew pajjiżi bħall-Greċja, Spanja, il-Portugall, Ċipru u l-Irlanda, fost l-oħrajn, meta ġew imposti fuqhom dawn is-sanzjonijiet u minn liema sagrifiċċji għaddew u għadhom għaddejjin il-poplu ta' dawn il-pajjiżi sabiex pajjiżhom jimxi mal-miżuri mposti fuqhom.

Il-mod ta' kif isir il-kejl tal-potenzjal tat-tkabbir ekonomiku ta' pajjiż, huwa suġġett kontroversarju, tant li qed joħloq diskussjoni mqanqla fl-istituzzjonijiet Ewropej. U dan bir-raġun, għax mhux biss dan il-kejl hu l-bażi tal-Patt ta' Stabilità, iżda għax jekk dan il-potenzjal joħroġ li hu għoli u l-andament ekonomiku tal-pajjiż ikun qiegħed taħt dan il-potenzjal, il-qtuħ tad-defiċit ma jkunx mistenni li jkun drastiku. Min-naħa l-oħra, jekk il-potenzjal jiġi maħdum li hu baxx u allura jkun faċli li jintlaħaq u saħansitra jinqabeż, il-pajjiż jiġi ppenalizzat. Meta ngħid 'ippenalizzat', dan ikun ifisser li l-Kummissjoni Ewropea tistenna li t-tnaqqis tad-defiċit ikun b'rata iktar għolja li jwassal sabiex ikunu mposti miżuri drastiċi ta' tnaqqis tan-nefqa pubblika, li tista' twassal li l-ekonomija ma tibqax tespandi għax tkun qed tagħmel miżuri ta' awsterità milli ta' investiment għall-ħolqien tax-xogħol u tkabbir ekonomiku.Kien proprju għal din ir-raġuni li Malta kellha diskussjonijiet u opponiet kif il-Kummissjoni ħadmet il-potenzjal tagħna. Aħna dehrilna li l-potenzjal tal-ekonomija kif imkejjel kien baxx. Sħaqna li l-potenzjal tat-tkabbir ekonomiku għal Malta kellu jkun tal-inqas 3%. Wara studju li għamilna, irnexxielna nikkonvinċu lill-Kummissjoni fuq dan il-punt. Nifhem li s-suġġett li tkellimt fuqu llum huwa punt tekniku, imma fl-istess ħin jolqot lil kull wieħed u waħda minna għax kulħadd iħallas it-taxxa dovuta u kulħadd igawdi mill-ġid li l-Gvern qed iqassam, frott tat-tmexxija għaqlija li qegħdin inħaddnu.

Il-mod kif jitkejlu ċerti indikaturi ekonomiċi mill-Kummissjoni, tajjeb jew ħażin, ibiddlu l-politika fiskali li biha tistenna lill-Gvern Malti jimxi biha u għalhekk jaffetwa lill-familji Maltin u Għawdxin. Dan kollu minn numru wieħed. Żgur li ħadd li mhux tekniku ma jobsru dan.

## Inqajmu l-artiġjanat Għawdxi

Sur Editur,

Fl-imgħoddi, minn żmien għal żmien, kienu jsiru tentattivi u sforzi biex jerġgħu jitqajmu s-snajja' antiki li jħaddnu fihom l-artiġjat Għawdxi.

Però, b'dispjaċir għalija jkolli ngħid li f'dawn l-aħħar snin dan l-entużjażmu, għal raġunijiet li jien għadni ma nistax nifhem, naqas ħafna, jekk ma spiċċax għal kollox. Għaliex ġara dan?

Jaqaw m'hemmx koperazzjoni mill-istudenti, l-awtoritajiet tilfu l-ħeġġa u l-entużjażmu, jew kwistjoni ta' finanzi? Jew inkella taħlita ta' kollox?

Jien inħoss li hemm bżonn kbir li nerġgħu nqajmu l-artiġjanat f'Għawdex, l-aktar fiż-żminijiet meta qegħdin naraw it-turiżmu jiżdied kull sena, u aħna nafu kemm it-turisti barranin jieħdu interesss f'dak kollu li hu lokali, u l-aktar dak li jinħadem bl-idejn.

Daż-żmien fis-sajf jiġu organizzati l-iskejjel tas-sajf. Għaliex ma neħdux l-opportunità biex norganizzaw korsijiet fil-bizzilla, newl, ħdim bil-labar, arkett, u anki l-makrame'?

Hemm bżonn li nieħdu l-opportunitajiet li joffru dawn l-iskejjel tas-sajf biex lill-istudenti ngħallmu affarijiet li jistgħu jiswewlhom ta' ġid għal ħajjithom kollha.

Fl-istess ħin, dawn l-istudenti jistgħu joħolqu oġġetti li wieħed jista' joffri lit-turisti li jiġu jżuruna.

Jien niftakar żmien meta kien hawn *boom* mill-aqwa fix-xogħol tan-*knitting* u kont tara nisa u tfajliet jaħdmu bil-labar kull ftit ħin li jkollhom. X'sar minnu dan it-tip ta' xogħol?

L-artiġjanat Għawdxi hemm bżonn li jerġa' jieħu spinta 'l fuq u l-awtoritajiet ta' l-Edukazzjoni hemm bżonn li jagħmlu minn kollox biex jeġġħu jqajmuh, aktar u aktar dment li għad hawn min għandu l-ħila jgħallmu.

Meta jispiċċaw dawn il-għalliema, imbagħad ikun tard wisq. Bi ftit rieda tajba u ppjanar bil-għaqal jistgħu jsiru l-mirakli.

ANTON F. ATTARD,
Ir-Rabat, Għawdex